# ĊIRKULARI

**Data:** 3 ta' Lulju 2020 **Ref:** DLAP 174/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Isabel Zerafa – Uffiċjal Edukattiv, Xjenza (Primarja)

**Suġġett:** STEM to GOZO

---

Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed jorganizza inizzjattiva bl-isem **STEM to GOZO**. Din hija inizjattiva immirata lejn studenti li qegħdin fit-tielet, fir-raba', fil-ħames jew fis-sitt sena tal-primarja. L-għan ta' STEM to GOZO hu li l-istudenti jesploraw kunċetti xjentifiċi relatati mal-gżira ta' Għawdex permezz tal-lingwa u l-folklor.

Il-parteċipanti huma ġentilment mitluba li jagħżlu **wieħed** minn żewġ kategoriji sabiex jipparteċipaw:

- L-ewwel kategorija għall-istudenti fit-tielet u fir-raba' sena tal-primarja.
- It-tieni kategorija għall-istudenti fil-ħames u fis-sitt sena tal-primarja.

L-inizjattiva STEM to GOZO hija mifruxa fuq perjodu ta' tliet ġimgħat, mit-Tnejn 20 ta' Lulju sal-Ħadd 9 t'Awwissu 2020. Id-dettalji kollha qegħdin fid-dokument *Guidelines and Regulations* mhemuż ma' din iċ-Ċirkulari.

Studenti li huma interessati fl-inizjattiva huma mistiedna jirreġistraw sa **mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2020** billi jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni f'din il-ħolqa.

Ix-xogħol sottomess għal din l-inizjattiva se jiġi iġġudikat minn numru ta' professjonisti skont il-kriterji hawn taħt:

1. Il-kontenut u r-relevanza għax-xoghol;
2. L-użu tal-lingwa u l-kwalita' tal-kitba;
3. L-integrazzjoni ta' elementi STEM fil-prodott final;
4. Il-kreattivita' u l-prezentazzjoni.

Tliet studenti minn kull kategorija, bl-aħjar sottomissjonijiet b'mod ġenerali, se jirċievu *voucher* għal familja ta' żewġ adulti u żewġt itfal għall-*Gozo Pony Walking Experience*.

Għall-mistoqsijiet jew ħtieġa ta' kjarifika ibgħat ittra elettronika lis-Sa Isabel Zerafa isabel.zerafa@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Id-Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**